

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2295****tat-23 ta' Novembru 2022****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tat-trasportatur tal-ajru li jopera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni.
- (2) Ċerti Stati Membri u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija") għaddeu lill-Kummissjoni informazzjoni li hija rilevanti għall-aġġornament ta' dik il-lista, skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali wkoll ipprovdew informazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta.
- (3) Il-Kummissjoni infurmat lit-trasportaturi tal-ajru kollha kkonċernati, direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jiffurmaw il-bażi ta' deċizzjoni li timponilhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jew li timmodifika l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur tal-ajru li jkun inkluż fil-lista stabbilita fl-Annessi A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.
- (4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumentazzjoni rilevanti kollha, jissottomettu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 (il-"Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE").
- (5) Il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li għaddejjin, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 <sup>(3)</sup>, mal-awtoritajiet kompetenti u mat-trasportaturi tal-ajru tal-Armenja, tal-Każakistan, tan-Nepal, tan-Niġerja u tal-Pakistan. Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar is-sitwazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Arġentina, fil-Kongo (Brazzaville), fil-Guinea Ekwitorjali, fl-Iraq, fil-Madagascar, fir-Russja u fis-Sudan t'Isfel.
- (6) L-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-valutazzjonijiet tekniċi mwettgħa għall-evalwazzjoni inizjali u l-monitoraġġ kontinwu tal-awtorizzazzjonijiet minn operaturi ta' pajjiżi terzi ("TCO"), maħruġa skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 <sup>(4)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 12).

- (7) L-Aġenzija infurmat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fil-kuntest tal-programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("SAFA"), f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 <sup>(5)</sup>.
- (8) Barra minn hekk, l-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-proġetti ta' assistenza teknika li saru fil-pajjiżi terzi milqutin minn projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 474/2006. Barra minn hekk, l-Aġenzija pprovdiet informazzjoni dwar il-pjanijiet u t-talbiet għal iktar assistenza teknika u kooperazzjoni biex tittejjeb il-kapaċità amministrattiva u teknika potenzjali tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili fil-pajjiżi terzi, bl-għan li dawn jiġu megħjuna jsoġu n-nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili applikabbli. L-Istati Membri ġew mistiedna jirrispondu għal tali talbiet fuq bażi bilaterali, b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni saħqet mill-ġdid fuq is-siwi tal-għoti ta' informazzjoni lill-komunità internazzjonali tal-avjazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-għodda ta' Sħubija tal-Assistenza għall-Implimentazzjoni tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO"), dwar l-assistenza teknika lil pajjiżi terzi pprovduta mill-Unjoni u mill-Istati Membri sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni mad-dinja kollha.
- (9) Il-Eurocontrol ipprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE b'aġġornament dwar l-istatus tal-funzjonijiet ta' allarm tas-SAFA u tat-TCO, inkluż l-istatistika dwar il-messaġġi ta' allert għat-trasportaturi tal-ajru pprojbiti.

#### **Trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni**

- (10) Wara l-analiżi mill-Aġenzija tal-informazzjoni li ħarġet mill-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fuq l-inġenji tal-ajru tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni, kif ukoll mill-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li twettqu mill-Aġenzija, u kkomplementata bl-informazzjoni li rriżultat minn spezzjonijiet u awditi speċifiċi li twettqu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, diversi Stati Membri u l-Aġenzija, fir-rwol ta' awtoritajiet kompetenti, ħadu ċerti miżuri korrettivi u ta' infurzar u infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar dawk il-miżuri.
- (11) L-Istati Membri u l-Aġenzija, fir-rwol ta' awtoritajiet kompetenti, saħqu mill-ġdid li lesti jaġixxu kif meħtieġ f'każ li informazzjoni pertinenti dwar is-sikurezza tkun tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni ma' standards tas-sikurezza rilevanti.

#### **Trasportaturi tal-ajru mill-Armenja**

- (12) F'Ġunju 2020, it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/736 <sup>(6)</sup>.
- (13) Bejn is-27 u t-30 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni u l-Aġenzija żaru l-Kumitat tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Armenja ("CAC"). F'dik l-okkażjoni, il-Kummissjoni rrieżaminat il-progress li sar mis-CAC fl-indirizzar tan-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati li wasslu għall-impożizzjoni tal-projbizzjoni msemmija hawn fuq, fuq it-trasportaturi tal-ajru Armeni. Parti mir-rieżami mwettaq matul iż-żjara ffukat fuq l-azzjonijiet li diġà ttieħdu u dawk ipplanati biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tat-tħassib identifikat dwar is-sikurezza, b'mod partikolari f'termini tal-kapaċità tas-CAC biex iwettaq sorveljanza effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja.
- (14) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rrieżaminat l-azzjonijiet li diġà ttieħdu mis-CAC biex jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Programm tas-Sikurezza tal-Istat, tas-Sistema ta' Rapportar tal-Okkorrenzi, tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kwalità u tal-proċess għall-ħruġ ta' Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC"). Iż-żjara kienet tinkludi wkoll rieżami mhux biss tal-kapaċità tas-CAC li jikkonforma mar-regolamenti u l-istandards tas-sikurezza rilevanti, iżda wkoll tal-kapaċità tiegħu li jidentifika kwalunkwe riskju sinifikanti għas-sikurezza ta' trasportatur tal-ajru ċċertifikat u li jaġixxi b'mod effettiv biex irażżan dan ir-riskju.

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/736 tat-2 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni (ĠU L 172, 3.6.2020, p. 7).

- (15) Iż-żjara kkonfermat li s-CAC għamel progress limitat fl-indirizzar tan-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati u tal-osservazzjonijiet li tqajmu matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni fl-2020. Filwaqt li għe definit u promulgat Pjan ta' Azzjoni Korrettiva, madankollu dan il-pjan jenħtieġ li jerġa' jinfetaħ, jiġi rieżaminat u jiġu inklużi azzjonijiet addizzjonali sabiex il-pjan ta' azzjoni korrettiva jsir adegwat għall-użu tiegħu. Din se tkun attività ewlenija fl-ambitu ta' proġett ta' assistenza teknika, li l-Aġenzija qed tipprovdi.
- (16) F'din l-okkażjoni, is-CAC informa wkoll lill-Kummissjoni li għe ċertifikat trasportatur tal-ajru ġdid, *Fly Arna* (AM AOC Nru 075). Peress li s-CAC ma weriex kapacià suffiċjenti biex jimplementa u jinforza l-istandards tas-sikurezza rilevanti, il-ħruġ ta' AOC lil dan it-trasportatur tal-ajru ġdid ma jiggarrantix konformità suffiċjenti mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti.
- (17) Iż-żjara pprovdiet ukoll opportunità biex l-awtoritajiet kompetenti Armeni u r-rappreżentanti tal-gvern Armen jiġu mfakkra, li sorveljanza tas-sikurezza xierqa u effettiva tista' tiġi garantita biss jekk is-CAC ikun appoġġat mir-riżorsi u l-għarfien espert xierqa, b'mod partikolari f'termini ta' għadd adegwat ta' persunal kwalifikat, kif ukoll billi tiġi żgurata l-istabbiltà tal-maniġment superjuri.
- (18) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li, fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Armenja, il-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex it-trasportatur tal-ajru *Fly Arna* jiġi inkluż fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.
- (19) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċertifikati fl-Armenja mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

### Trasportaturi tal-ajru mill-Każakistan

- (20) F'Diċembru 2016, it-trasportaturi tal-ajru ċertifikati fil-Każakistan tneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2214 <sup>(7)</sup>, bl-eċċezzjoni ta' *Air Astana*, li kien diġà tneħħa mill-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 fl-2015 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2322 <sup>(8)</sup>.
- (21) Fl-20 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-Kumitat tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Każakistan ("CAC KZ") u l-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Każakistan Joint Stock Company ("AAK") kellhom laqgħa teknika.
- (22) Matul dik il-laqgħa, is-CAC KZ u l-AAK ippreżentaw il-progress li sar fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva tagħhom, u pprovdew lill-Kummissjoni b'evidenza tal-azzjonijiet meħuda biex jindirizzaw u/jew jagħlqu għadd ta' osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet li tqajmu matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni fl-2021. Il-laqgħa kienet ukoll opportunità għas-CAC KZ u għall-AAK biex jipprovdu aġġornament dwar l-iżviluppi li għaddejjin fil-qafas leġiżlattiv tal-avjazzjoni tal-Każakistan, b'mod partikolari f'termini ta' emendi għal-Liġi tal-Avjazzjoni Primarja tal-Każakistan, li huma mistennija li jiġu adottati f'Diċembru 2022. L-AAK ta informazzjoni wkoll dwar l-azzjonijiet meħuda biex tiġi żviluppata leġiżlazzjoni sekondarja dwar l-avjazzjoni, li tista' tiġi adottata biss wara li tkun ġiet adottata l-Liġi tal-Avjazzjoni Primarja.
- (23) Abbażi ta' rieżami tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva ppreżentat qabel il-laqgħa, kif ukoll tad-diskussjonijiet u tal-evidenza pprovduta matul il-laqgħa, għe nnotat il-progress li sar fl-indirizzar tal-osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet li rriżultaw miż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni fl-2021. L-osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet kollha ġew indirizzati u għadd minnhom ingħalqu. Madankollu, jenħtieġ li tittieħed aktar azzjoni biex l-osservazzjonijiet kollha li fadal jingħalqu b'mod sodisfaċenti u għandhom jiġu pprovduti r-riżorsi meħtieġa biex

<sup>(7)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2214 tat-8 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni (ĠU L 334, 9.12.2016, p. 6).

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2322 tal-10 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jstabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 328, 12.12.2015, p. 67).

tiġi żgurata sorveljanza tas-sikurezza adegwata. Ġew identifikati għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi addizzjonali, li jeħtieġu aktar attenzjoni, inkluż l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proċedura biex jitwettqu spezzjonijiet għall-għarrieda, b'mod partikolari għad-detenturi ta' AOC u għall-Organizzazzjonijiet ta' Manutenzjoni Approvati, u r-reklutaġġ ta' esperti kwalifikati biex jiżgura s-superviżjoni tal-eżaminaturi tat-titjiriet maħtura.

- (24) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru, li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Każakistan.
- (25) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Każakistan mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (26) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, jista' jkun li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

### **Trasportaturi tal-ajru min-Nepal**

- (27) F'Diċembru 2013, it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fin-Nepal ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 1264/2013 <sup>(9)</sup>.
- (28) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tagħha, fl-14 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ltaqgħet mar-rappreżentanti tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tan-Nepal ("CAAN"). F'dik l-okkażjoni, is-CAAN ipprovdiet lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar is-sorveljanza tas-sikurezza fin-Nepal u b'mod partikolari l-kunsiderazzjonijiet riveduti tagħha dwar is-separazzjoni funzjonali tar-rwoli tas-CAAN bħala regolatur u bħala fornitur tas-servizzi, li hija kwistjoni li ilha teżisti identifikata waqt il-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni man-Nepal, kif ukoll mill-Programm Universali ta' Awditjar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza ("USOAP") tal-ICAO.
- (29) Bħala segwitu għal dik il-laqgħa, fl-10 ta' Novembru 2022, is-CAAN ippreżentat lill-Kummissjoni l-informazzjoni u l-evidenza dokumentarja dwar l-adozzjoni ta' Regolament ġdid tas-CAAN, li fil-fehma tas-CAAN jiżgura s-separazzjoni funzjonali tar-rwoli tas-CAAN bħala regolatur u bħala fornitur tas-servizzi, jiġifieri billi jipprevjeni t-trasferiment tal-persunal bejn it-taqsimiet regolatorji u ta' forniment tas-servizzi tas-CAAN. L-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament il-ġdid u l-progress fl-allinjament tas-sorveljanza tas-sikurezza tas-CAAN mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti jippermettu lill-Kummissjoni tikkunsidra jekk hux meħtieġ li tiġi organizzata żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni fin-Nepal fl-2023. Abbażi tal-evidenza miġbura matul tali żjara, il-Kummissjoni tista' tivvaluta jekk tkunx ġustifikata t-tneħħija tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fin-Nepal mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.
- (30) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru, li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru min-Nepal.
- (31) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fin-Nepal mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

### **Trasportaturi tal-ajru min-Niġerja**

- (32) F'Mejju 2017, it-trasportatur tal-ajru *Med-View Airline* ġie inkluż fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/830 <sup>(10)</sup>.

<sup>(9)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1264/2013 tat-3 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 326, 6.12.2013, p. 7).

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/830 tal-15 ta' Mejju 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni (ĠU L 124, 17.5.2017, p. 3).

- (33) Permezz tal-ittra tal-25 ta' Mejju 2022, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Niġerjana ("NCAA") ikkonfermat bil-miktub il-waqfien tal-attivitajiet mit-trasportatur tal-ajru *Med-View Airline*.
- (34) Fis-7 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni, bil-parteċipazzjoni tal-Aġenzija, organizzat laqgħa mal-NCAA, fuq talba tagħha, bl-għan li tiġi aġġornata dwar l-iżviluppi ewlenin tas-sorveljanza tas-sikurezza li seħħew fin-Niġerja bejn l-2019 u l-2022, b'mod partikolari fid-dawl tal-appoġġ għas-sorveljanza tas-sikurezza pprovdut mill-Aġenzija lill-NCAA fl-2019.
- (35) Matul dik il-laqgħa, l-NCAA pprovdiet preżentazzjoni komprensiva tat-titjib li sar fis-sorveljanza tas-sikurezza, b'mod partikolari fl-oqsma tal-leġiżlazzjoni primarja dwar l-avjazzjoni, il-kwalifiki tal-persunal tekniku u l-obbligi ta' sorveljanza.
- (36) Ta' min jinnota b'mod partikolari l-bidliet leġiżlattivi introdotti fl-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili tan-Niġerja, ir-riorganizzazzjoni tal-uffiċċji reġjonali, l-isforzi biex tinkiseb ċertifikazzjoni ISO 9001 għall-NCAA, l-iżvilupp ta' pjanijiet għad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi tal-NCAA, it-titjib fit-taħriġ tal-persunal, u l-istabbiliment ta' sistema ta' rapportar tal-okkorrenzi.
- (37) L-NCAA enfasizzat l-impenn tagħha għal titjib kontinwu, inkluż fir-rigward tas-sorveljanza tas-sikurezza u t-trażmissjoni regolari ta' informazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija. Il-Kummissjoni nnotat dan l-iżvilupp pożittiv, u enfasizzat li l-NCAA jenħtieġ li tingħata l-appoġġ u r-riżorsi kollha meħtieġa biex tissodisfa l-obbligi tagħha ta' sorveljanza tas-sikurezza.
- (38) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex it-trasportatur tal-ajru *Med-View Airline* jitneħħa mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.
- (39) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċertifikati fin-Niġerja mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (40) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, jista' jkun li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

#### Trasportaturi tal-ajru mill-Pakistan

- (41) F'Marzu 2007, il-*Pakistan International Airlines* ġie inkluż fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 235/2007 <sup>(1)</sup> u sussegwentement tneħħa minn dak l-Anness f'Novembru 2007 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2007 <sup>(2)</sup>.
- (42) Fl-1 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni fetħet konsultazzjonijiet mal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Pakistan ("PCAA") skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006, abbażi tas-sospensjonijiet tal-awtorizzazzjoni ta' TCO tat-trasportaturi tal-ajru *Pakistan International Airlines* u *Vision Air*, u ta' dikjarazzjoni magħmula mill-Ministru tat-Trasport tal-Pakistan dwar liċenzji ta' bdoti miksuba b'mezzi frodulenti fil-Pakistan.
- (43) F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija u l-Istati Membri, organizzat għadd ta' laqgħat tekniċi u ta' informazzjoni mal-PCAA fid-9 ta' Lulju u l-25 ta' Settembru 2020, fil-15 u s-16 ta' Marzu 2021, fil-15 ta' Ottubru 2021 u fis-16 ta' Marzu 2022. Dawk id-diskussjonijiet iffukaw fuq l-isforzi mwettqa mill-PCAA fl-indirizzar tat-tħassib dwar is-sorveljanza tas-sikurezza li kien ġie identifikat qabel mill-Kummissjoni u mill-esperti tal-Aġenzija, kif ukoll dak identifikat mill-ICAO matul iż-żjara tagħha fl-ambitu tal-USOAP li saret bejn id-29 ta' Novembru u l-10 ta' Diċembru 2021.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 235/2007 tal-5 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jstabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità (ĠU L 66, 6.3.2007, p. 3).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2007 tat-28 ta' Novembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jstabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità (ĠU L 311, 29.11.2007, p. 12).

- (44) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tagħha, fil-25 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-PCAA kellhom laqgħa teknika. Matul dik il-laqgħa, il-PCAA infurmat lill-parteċipanti dwar l-azzjonijiet u l-miżuri li kienu diġà implimentati, kif ukoll dwar dawk ipplanati, biex jiġi indirizzat it-tħassib identifikat dwar is-sorveljanza tas-sikurezza.
- (45) L-informazzjoni u d-data ppreżentati matul il-laqgħa jindikaw l-impenn u l-isforzi tal-PCAA biex issolvi s-sitwazzjoni tas-sorveljanza tas-sikurezza fil-Pakistan, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' Ordinanza emendata tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili sa tmiem l-2022, kif ukoll il-leġiżlazzjoni sekondarja assoċjata pplanata għall-ewwel kwart tal-2023. B'mod ġenerali, il-pjanijiet proposti, kif ippreżentati matul il-laqgħa, jidheru li huma adegwati għall-użu tagħhom biex jikkonformaw mal-istandards tas-sikurezza rilevanti u jimplementawhom b'mod effettiv. Madankollu, dan jista' jiġi vvalutat biss wara li jiġu adottati r-regolamenti rilevanti.
- (46) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni, filwaqt li tirrikonoxxi l-azzjonijiet meħuda s'issa, se tkompli bil-monitoraġġ tagħha ta-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-Pakistan biex tiddetermina jekk hijiex meħtieġa azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha ħsieb li twettaq, flimkien mal-Aġenzija u l-Istati Membri, żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni fil-Pakistan fl-2023.
- (47) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Pakistan.
- (48) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Pakistan mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (49) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, tista' tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
- (50) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (51) Minħabba l-implikazzjonijiet tas-sikurezza, l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jagħrfu l-bżonn li jittieħdu deċiżjonijiet malajr u, meta jkun xieraq, b'urġenza. Għaldaqstant, huwa essenzjali li, sabiex jiġu mħarsa l-informazzjoni sensittiva kif ukoll il-pubbliku li jivvjaġġa, kwalunkwe deċiżjoni fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni tiġi ppubblikata u tidħol fis-seħħ minnufih wara l-adozzjoni tagħha.
- (52) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE stabbilit skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Anness A huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) l-Anness B huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Fisem il-President,*  
*Adina VĂLEAN*  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX I

## "ANNEX A

LISTA TA' TRASPORTATORI TAL-AJRU LI HUMA PPROJBITI MILLI JOPERAW FL-UNJONI, B'XI EĊĊEZZJONIJIET <sup>(1)</sup>

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru ta' Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") jew Numru tal-Liċenzja Operattiva	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
AVIOR AIRLINES	ROI-RNR-011	ROI	Il-Venezwela
BLUE WING AIRLINES	SRBWA-01/2002	BWI	Is-Suriname
IRAN ASEMAN AIRLINES	FS-102	IRC	L-Iran
IRAQI AIRWAYS	001	IAW	L-Iraq
AIR ZIMBABWE (PVT)	177/04	AZW	Iż-Zimbabwe
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli regolatorja, inkluż tal-Afganistan għas-sorveljanza</b>			<b>L-Afganistan</b>
ARIANA AFGHAN AIRLINES	AOC 009	AFG	L-Afganistan
KAM AIR	AOC 001	KMF	L-Afganistan
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief TAAG Angola Airlines u Heli Malongo, inkluż</b>			<b>L-Angola</b>
AEROJET	AO-008/11-07/17 TEJ	TEJ	L-Angola
GUICANGO	AO-009/11-06/17 YYY	Mhux magħruf	L-Angola
AIR JET	AO-006/11-08/18 MBC	MBC	L-Angola
BESTFLYA AIRCRAFT MANAGEMENT	AO-015/15-06/17YYY	Mhux magħruf	L-Angola
HELIANG	007/11-08/18 YYY	Mhux magħruf	L-Angola
SJL	AO-014/13-08/18YYY	Mhux magħruf	L-Angola
SONAIR	AO-002/11-08/17 SOR	SOR	L-Angola
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli regolatorja, inkluż tal-Armenja għas-sorveljanza</b>			<b>L-Armenja</b>
AIRCOMPANY ARMENIA	AM AOC 065	NGT	L-Armenja
ARMENIA AIRWAYS	AM AOC 063	AMW	L-Armenja

<sup>(1)</sup> It-trasportaturi tal-ajru mniżżlin fl-Anness A jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand trasportatur tal-ajru li mhuxiwex soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, diment li jkun hemm konformità mal-istandards tas-sikurezza rilevanti.



ARMENIAN HELICOPTERS	AM AOC 067	KAV	L-Armenja
FLY ARNA	AM AOC 075	ACY	L-Armenja
FLYONE ARMENIA	AM AOC 074	FIE	L-Armenja
NOVAIR	AM AOC 071	NAI	L-Armenja
SHIRAK AVIA	AM AOC 072	SHS	L-Armenja
SKYBALL	AM AOC 073	Mhux applikabbli	L-Armenja
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tal-Kongo (Brazzaville) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż</b>			<b>Il-Kongo (Brazzaville)</b>
CANADIAN AIRWAYS CONGO	CG-CTA 006	TWC	Il-Kongo (Brazzaville)
EQUAFLIGHT SERVICES	CG-CTA 002	EKA	Il-Kongo (Brazzaville)
EQUAJET	RAC06-007	EKJ	Il-Kongo (Brazzaville)
TRANS AIR CONGO	CG-CTA 001	TSG	Il-Kongo (Brazzaville)
SOCIETE NOUVELLE AIR CONGO	CG-CTA 004	Mhux magħruf	Il-Kongo (Brazzaville)
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż</b>			<b>Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)</b>
AIR FAST CONGO	AAC/DG/OPS-09/03	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR KATANGA	AAC/DG/OPS-09/08	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
BUSY BEE CONGO	AAC/DG/OPS-09/04	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA)	AAC/DG/OPS-09/02	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
CONGO AIRWAYS	AAC/DG/OPS-09/01	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
KIN AVIA	AAC/DG/OPS-09/10	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
MALU AVIATION	AAC/DG/OPS-09/05	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SERVE AIR CARGO	AAC/DG/OPS-09/07	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

SWALA AVIATION	AAC/DG/OPS-09/06	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
MWANT JET	AAC/DG/OPS-09/09	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli regolatorja, inkluż tal-Djibouti għas-sorveljanza</b>			<b>Il-Djibouti</b>
DAALLO AIRLINES	Mhux magħruf	DAO	Il-Djibouti
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli regolatorja, inkluż tal-Guinea Ekwatorjali għas-sorveljanza</b>			<b>Il-Guinea Ekwatorjali</b>
CEIBA INTERCONTINENTAL	2011/0001/MTTCT/DGAC/SOPS	CEL	Il-Guinea Ekwatorjali
CRONOS AIRLINES	2011/0004/MTTCT/DGAC/SOPS	Mhux magħruf	Il-Guinea Ekwatorjali
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż tal-Eritrea</b>			<b>L-Eritrea</b>
ERITREAN AIRLINES	AOC Nru 004	ERT	L-Eritrea
NASAIR ERITREA	AOC Nru 005	NAS	L-Eritrea
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli regolatorja, inkluż tal-Kirgistan għas-sorveljanza</b>			<b>Il-Kirgistan</b>
AEROSTAN	08	BSC	Il-Kirgistan
AIR COMPANY AIR KG	50	KGC	Il-Kirgistan
AIR MANAS	17	MBB	Il-Kirgistan
AVIA TRAFFIC COMPANY	23	AVJ	Il-Kirgistan
FLYSKY AIRLINES	53	FSQ	Il-Kirgistan
HELI SKY	47	HAC	Il-Kirgistan
KAP.KG AIRCOMPANY	52	KGS	Il-Kirgistan
SKY KG AIRLINES	41	KGK	Il-Kirgistan
TEZ JET	46	TEZ	Il-Kirgistan
VALOR AIR	07	VAC	Il-Kirgistan
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, tal-Liberja</b>			<b>Il-Liberja</b>
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż tal-Libja</b>			<b>Il-Libja</b>

AFRIQIYAH AIRWAYS	007/01	AAW	Il-Libja
AIR LIBYA	004/01	TLR	Il-Libja
AL MAHA AVIATION	030/18	Mhux magħruf	Il-Libja
BERNIQ AIRWAYS	032/21	BNL	Il-Libja
BURAQ AIR	002/01	BRQ	Il-Libja
GLOBAL AIR TRANSPORT	008/05	GAK	Il-Libja
HALA AIRLINES	033/21	HTP	Il-Libja
LIBYAN AIRLINES	001/01	LAA	Il-Libja
LIBYAN WINGS AIRLINES	029/15	LWA	Il-Libja
PETRO AIR	025/08	PEO	Il-Libja
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tan-Nepal responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż</b>			<b>In-Nepal</b>
AIR DYNASTY HELI. S.	035/2001	Mhux magħruf	In-Nepal
ALTITUDE AIR	085/2016	Mhux magħruf	In-Nepal
BUDDHA AIR	014/1996	BHA	In-Nepal
FISHTAIL AIR	017/2001	Mhux magħruf	In-Nepal
SUMMIT AIR	064/2010	Mhux magħruf	In-Nepal
HELI EVEREST	086/2016	Mhux magħruf	In-Nepal
HIMALAYA AIRLINES	084/2015	HIM	In-Nepal
KAILASH HELICOPTER SERVICES	087/2018	Mhux magħruf	In-Nepal
MAKALU AIR	057 A/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
MANANG AIR PVT	082/2014	Mhux magħruf	In-Nepal
MOUNTAIN HELICOPTERS	055/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
PRABHU HELICOPTERS	081/2013	Mhux magħruf	In-Nepal
NEPAL AIRLINES CORPORATION	003/2000	RNA	In-Nepal
SAURYA AIRLINES	083/2014	Mhux magħruf	In-Nepal
SHREE AIRLINES	030/2002	SHA	In-Nepal
SIMRIK AIR	034/2000	Mhux magħruf	In-Nepal
SIMRIK AIRLINES	052/2009	RMK	In-Nepal
SITA AIR	033/2000	Mhux magħruf	In-Nepal
TARA AIR	053/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
YETI AIRLINES	037/2004	NYT	In-Nepal
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha li ġejjin iċċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tar-Russja</b>			<b>Ir-Russja</b>

AURORA AIRLINES	486	SHU	Ir-Russja
AVIACOMPANY "AVIASTAR-TU" CO. LTD	458	TUP	Ir-Russja
IZHAVIA	479	IZA	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY "AIR COMPANY "YAKUTIA"	464	SYL	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY "RUSJET"	498	RSJ	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY "UVT AERO"	567	UVT	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY SIBERIA AIRLINES	31	SBI	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY SMARTAVIA AIRLINES	466	AUL	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY "IRAERO" AIRLINES	480	IAE	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY "URAL AIRLINES"	18	SVR	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY ALROSA AIR COMPANY	230	DRU	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY NORDSTAR AIRLINES	452	TYA	Ir-Russja
JS AVIATION COMPANY "RUSLINE"	225	RLU	Ir-Russja
JSC YAMAL AIRLINES	142	LLM	Ir-Russja
LLC "NORD WIND"	516	NWS	Ir-Russja
LLC "AIRCOMPANY IKAR"	36	KAR	Ir-Russja
LTD. I FLY	533	RSY	Ir-Russja
POBEDA AIRLINES LIMITED LIABILITY COMPANY	562	PBD	Ir-Russja
PUBLIC JOINT STOCK COMPANY "AEROFLOT - RUSSIAN AIRLINES"	1	AFL	Ir-Russja
ROSSIYA AIRLINES, JOINT STOCK COMPANY	2	SDM	Ir-Russja
SKOL AIRLINE LLC	228	CDV	Ir-Russja
UTAIR AVIATION, JOINT-STOCK COMPANY	6	UTA	Ir-Russja
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' São Tomé u Príncipe responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż</b>			<b>São Tomé u Príncipe</b>
AFRICA'S CONNECTION	10/AOC/2008	ACH	São Tomé u Príncipe

STP AIRWAYS	03/AOC/2006	STP	São Tomé u Príncipe
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja</b>			<b>Sierra Leone</b>
<b>It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sudan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż</b>			<b>Is-Sudan</b>
ALFA AIRLINES SD	54	AAJ	Is-Sudan
BADR AIRLINES	35	BDR	Is-Sudan
BLUE BIRD AVIATION	11	BLB	Is-Sudan
ELDINDER AVIATION	8	DND	Is-Sudan
GREEN FLAG AVIATION	17	GNF	Is-Sudan
HELEJETIC AIR	57	HJT	Is-Sudan
KATA AIR TRANSPORT	9	KTV	Is-Sudan
KUSH AVIATION CO.	60	KUH	Is-Sudan
NOVA AIRWAYS	46	NOV	Is-Sudan
SUDAN AIRWAYS CO.	1	SUD	Is-Sudan
SUN AIR	51	SNR	Is-Sudan
TARCO AIR	56	TRQ	Is-Sudan"

## ANNEX II

## "ANNEX B

LISTA TAT-TRASPORTATORI TAL-AJRU LI HUMA SOĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJIET OPERATTIVI  
FL-UNJONI <sup>(1)</sup>

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC")	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur	Tip ta' inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	Marka/i tar-reġistrazzjoni u, meta jkun(u) disponibbli, in-numru/i tas-serje tal-kostruzzjoni tal-inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	Stat tar-reġistrazzjoni
IRAN AIR	FS100	IRA	L-Iran	L-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Fokker F100 u tat-tip Boeing B747	L-inġenji tal-ajru tat-tip Fokker F100 kif imsemmi fl-AOC; l-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B747 kif imsemmi fl-AOC	L-Iran
AIR KORYO	GAC-AOC/ KOR-01	KOR	Il-Korea ta' Fuq	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': żewġ (2) inġenji tal-ajru tat-tip TU-204.	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': P-632, P-633.	Il-Korea ta' Fuq

<sup>(1)</sup> It-trasportaturi tal-ajru mniżżlin fl-Anness B jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand trasportatur tal-ajru li mhuwiex soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, diment li jkun hemm konformità mal-standards tas-sikurezza rilevanti."